# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Awwissu, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella )**
**vs**
**Giuseppe Amato**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Giuseppe Amato ta' 32 sena, iben Agatino u Elvira Carusso, mwieled nhar it-13 ta' Marzu 1990 ġewwa Catania fl-Italja, residenti ġewwa l-fond 62, Eastcote, Flat 3, Triq Efesu, San Pawl il-Baħar u detentur ta' dokument Taljan bin-numru CA77861KS.

Akkuzat talli nhar l-20 t'Awwissu 2022 u fil-ġranet ta' qabel mill-fond Aquagem, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Baħar u/ jew fil-Gżejjer Maltin:

1. Appropja ruhu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u ċioe' ta' Carmelo Leonardi u/ jew ta' xi persuni oħra li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' għodda tal-kostruzzjoni minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju u dan bi ksur *tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U aktar talli nhar l-20 t'Awwissu 2022 għall-ħabta tat-20:15hrs u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa t-triq bl-isem Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar:

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju u dan bi ksur *tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Ħabb għal Alfio Leonardi sabiex jinġurjah, iddejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod u dan bi ksur *tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi u jekk jidrilha xieraq tordna lil ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża u ċioe' Carmelo Leonardi kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqgħa għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi/ jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini *tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat huwa dispost jikkumpensa lill-parte leza l-valur ta'l-oggetti misappropjati u mhux ritornati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospieza ghal perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-

imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas is-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) bhala kumpens lill-parte leza Carmelo Leonardi.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma jhallasx l-ammont fuq indikat fiz-zmien tlett xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**